BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 04/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 03/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Borg ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*07/03 -* Il-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jieħdu sehem fil-Jum Dinji tas-Saħħa. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva u wara diskussjoni qablet li nhar il-Ħamis, 8 ta' April torganizza attività f'Misraħ il-Knisja bejn it-8.00am u nofsinhar fejn tipprovdi qari ta' pressjoni lir-residenti b'xejn.

*08/03 -* Il-Kunsill Lokali ta' Pembroke flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika u l-Organizzazzjoni ECAD ser jospita l-Konferenza Annwali kontra l-abbuż tad-droga bejn it-22 u l-24 ta' April f'Għawdex. Il-Kamra qablet li l-Kunsill għandu jingħaqad f'din l-organizzazzjoni għal ħlas ta' €200 fis-sena u għal din il-Konferenza ser jattendu f'isem il-Kunsill il-Viċi-Sindku, J.Baldacchino u l-Kunsilliera, S.Cuschieri.

*09/03 -* Għal sena oħra l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura qed torganizza l-wirja annwali 'The Great Spring Show'. L-Għaqda qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jesibixxu qoffa rranġata bi ħxejjex ta' l-ikel u l-frott. Bħas-sena preċedenti R.Zahra offra li jipprepara din il-qoffa ta' ħxejjex friski. Kulħadd qabel.

*10/03 -* It-TCTC bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika qiegħed joffri kors immirat għall-iskrivani, Segretarji u Kunsillieri. Il-ħlas għal dan il-kors hu ta' €325 għal 8 persuni minħabba li ser jiġi ssussidjat 50% mill-Gvern Ċentrali. Minħabba nteress li kien hemm minn fost il-Kunsillieri, il-Kamra talbet lis-Segretarju Eżk. sabiex iġġib aktar informazzjoni.

***AĠENDA -3***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' € 40,596.35 titħallas skond Skeda Nru. 03/10A.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra ġiet infurmata li :-

- l-*e-mail address* tal-Kunsill inbidel għal birzebbuga.lc@gov.mt

- nhar il-Erbgħa, 31 ta' Marzu ser issir iċ-ċerimonja kommemorattiva ta' Jum Il-Ħelsien fi Ġnien Profs. Anton Tabone

- nhar il-Ġimgħa, 9 ta' April ser isir l-iffirmar tal-kuntratt tal-U.I.F. fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Triq Birżebbuġa u Triq In-Noqra u l-*embellishment* tar-*roundabout* ta' San Ġorġ.

- rċevejna d-dettalji tal-kuntratt sabiex il-Kunsill jidħol *f'Public Private Partnership* għall-kisi ta' toroq, fejn is-segretarjat qiegħed jaħdem biex iġib stima għall-kisi mill-ġdid tat-toroq li hemm bżonn ġewwa l-lokalità sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi liema toroq għandu jinkludi f'dan il-kuntratt. Il-Kamra qablet li għandna nidħlu f'din l-iskema u l-prijorità għandha taqa' fuq it-toroq prinċipali.

- is-segretarjat flimkien mas-Sindku qiegħed jaħdem sabiex japplika għall-fondi ta' l-EU taħt il-programm ERDF fuq proġett ta' tisbiħ fil-lokalità sabiex ninċentivaw it-turiżmu. Is-Segretarju Eżk. spjegat l-Kamra fuq is-sistema l-ġdida li ser taħdem biha l-MEUSAC, fejn dawn kull darba li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tagħhom fil-mili ta' applikazzjonijiet għall-fondi ta' l-EU ser inkunu rridu nagħmlu ħlas ta' €800 bħala depożitu. Dan id-depożitu jingħata lura jekk il-Kunsill iżomm mad-*deadlines* li jagħtuh il-MEUSAC però jekk il-Kunsill ma jonorax dawn id-*deadlines* ser ikun hemm penali li jitnaqqsu minn dan id-depożitu.

- J.Borg informa l-Kamra li kif miftiehem fl-aħħar laqgħa tal-għaqdiet bħalissa hemm miftuħa nominazzjonijiet għal min irid jagħmel parti mill-Kumitat sabiex jiġi fformat Federazzjoni Għaqdiet Birżebbuġa. Kundizzjonijiet sabiex tkun tista' tapplika hemm tnejn : li trid tkun membru f'għaqda lokali kif ukoll irid jissekondak xi membru ieħor. J.Borg ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, J.Baldacchino fejn talab sabiex il-kariga tiegħu bħala Chairman - Żgħażagħ u Għaqdiet Filantropiċi jinbidel għal Żgħażagħ u Għaqdiet Lokali. Kulħadd qabel.

- R.Zahra rrimarka li Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq il-Karmnu fejn hemm tankijiet apposta sabiex jintrema l-iskart qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ minħabba li l-iskart qed jiġi mqatta' mill-klieb u l-qtates. Hemm bżonn li jsir xi ħaġa bħal għatu għal dawn it-tankijiet jew inkella jiġu maqtugħa mill-art.

- R.Zahra ġibed l-attenzjoni wkoll, li filgħaxija qiegħed ikun hemm għadd ta' immigranti illegali fis-sakra f'Wied il-Buni bil-konsegwenza li qed joħolqu inkonvenjent lir-residenti. Hawn għamel intervent J.Baldacchino fejn irrimarka li l-istess qiegħed jiġri fi Ġnien L-Indipendenza.

- R.Zahra reġa' ġibed l-attenzjoni fuq ipparkjar ħażin fi Triq Wied il-Qoton. Għaldaqstant minħabba din il-problema l-Kamra qablet biex napplikaw għal *yellow line* f'din il-parti tat-triq.

- S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn ta' bozza fi Triq il-Port Ħieles kantuniera ma' Triq Dun Ġorġ Zammit. Irrimarkat ukoll li l-problema ta' ħruġ ta' ilma maħmuġ fi Triq ir-Raddiena reġgħet feġġet u għaldaqstant għandna nerġgħu nirrapportaw lill-Awtorità kompetenti.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010 fis-6.00pm. .

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **..............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## ***Schedule of Payments 03/10A***

## ***Period 01/03/2010 till 31/03/2010***

| ***Cheque*** | ***To*** | ***For*** | ***Amount Euro*** |
|---|---|---|---|
| 7912 | Stephen Buhagiar | Architect Services | 324.50 |
| 7913 | WasteServ Ltd. | Tipping Fees Jan 10 | 4082.21 |
| 7914 | Veritas Press | Magazine Printing | 1428.00 |
| 7915 | JM Installations | Lighting Repairs | 7043.72 |
| 7916 | MITA | Maintenance & Support | 416.85 |
| 7917 | Nexos Ltd. | Lighting Repairs | 1232.96 |
| 7918 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Patching | 1236.64 |
| 7919 | Tony Minuti | Grass Cutting | 58.23 |
| 7920 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 25.00 |
| 7921 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 25.00 |
| 7910 | Fenech Charlie | Tipper Truck Feb 10 | 1254.00 |
| 7922 | Audio Systems | PA Systems | 100.00 |
| 7923 | J. Brincat | Newspapers Feb 10 | 43.12 |
| 7924 | Raymond Vella | Magazine Distribution | 295.00 |
| 7925 | Swallow Garage | Hire of Transport | 111.80 |
| 7926 | Go | Telephone Expenses | 364.31 |
| 7927 | Commissioner of Inland Revenue | PAYE & NIC Jan 10 | 2225.08 |
| 7928 | Commissioner of Inland Revenue | PAYE & NIC Feb | 1215.72 |
| 7929 | Union Print | Advert | 61.03 |
| 7930 | Duraprint | Stationery | 120.75 |
| 7931 | RVS Ltd | Refuse Collection Mar 10 | 8008.00 |
| 7932 | ELC | Upkeep Public Gardens Mar 10 | 1147.92 |
| 7933 | New Era Waste Services | Street Cleaning Mar 10 | 1939.58 |
| 7934 | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Convenience Mar 10 | 1017.29 |
| 7935 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning Public Places Mar 10 | 332.92 |
| 7936 | Joseph Farrugia | Allowance Mayor Mar 10 | 520.50 |
| 7937 | Maria Galea | Salary Sec. Mar 10 | 1744.78 |
| 7938 | Simone Fenech | Salary Clerk Mar 10 | 1241.39 |
| 7939 | Stephanie Aloisio | Salary Clerk Mar 10 | 1295.98 |
| 7940 | Eleonor Manicaro | Wage P/T Mar 10 | 46.60 |
| 7941 | Kimberly-Jo Fenech | Wage P/T Mar 10 | 93.21 |
| 7942 | Commissioner of Inland Revenue | PAYE & NIC Mar 10 | 1544.26 |
| | | **Total Paid** | **40596.35** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**